# RIŻORSA 2

## Storja tad-Drittijiet tal-Bniedem

### Iċ-Ċilindru ta' Ċiru (539 Q.K.)

Fis-sena 539 Q.K., Ċiru l-Kbir, l-ewwel re tal-Persja (l-Iran tal-lum) rebaħ il-belt antika tal-Babilonja (li tinsab f'dak li llum hu l-Iraq). Id-deċiżjonijiet ta' Ċiru, li tniżżlu fuq ċilindru li għadu jeżisti sal-lum, huma importantissmi għall-umanità, u ġew rikonoxxuti bħala l-ewwel karta tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja. Ċiru ħeles lill-iskjavi, iddikjara li kulħadd kellu d-dritt jagħżel ir-reliġjon tiegħu u stabbilixxa l-ugwaljanza razzjali, fost l-oħrajn.

### Il-Magna Carta (1215)

Fl-1215, wara li r-Re John tal-Ingilterra kien kiser għadd ta' liġijiet u tradizzjonijiet antiki li kienu jintużaw fl-Ingilterra, uħud mis-sudditi tiegħu ġegħluh jiffirma l-Magna Carta, dokument li jġiegħel lir-re jirrispetta ċerti drittijiet. Fosthom kien hemm id-dritt tal-knisja li tkun ħielsa minn kwalunkwe ndħil tal-gvern, id-drittijiet taċ-ċittadini ħielsa kollha li jkollhom il-proprjetà u li jirtuha, u li jkun protetti minn taxxi eċċessivi. Dan id-dokument stabbilixxa d-dritt tan-nisa romol li jagħżlu li ma jerġgħux jiżżewġu, kif ukoll prinċipji ta' proċess ġust u ugwaljanza quddiem il-liġi. Kien jinkludi wkoll dispożizzjonijiet li jipprojbixxu t-tixħim u l-imġiba ħażina min-naħa tal-uffiċjali.

### Il-Petizzjoni tad-Drittijiet (1628)

Il-Petizzjoni tad-Drittijiet tfasslet mill-Parlament Ingliż fl-1628 u ntbagħtet lir-Re Karlu I bħala dikjarazzjoni ta' libertajiet ċivili. Il-Parlament irrifjuta li jiffinanzja l-politika barranija tar-re, li xejn ma kienet popolari, u dan wassal biex il-gvern tar-re beda jitlob self furzat u jistazzjona t-truppi fid-djar tan-nies bħala miżura ta' ekonomija. L-arrest u l-priġunerija arbitrarji għal min kien jopponi dawn il-politiki ħolqu ostilità vjolenti kontra r-re fil-Parlament. Il-Petizzjoni tad-Drittijiet, inizjata minn Sir Edward Coke, sostniet erba' prinċipji: (1) Ma jistgħux isiru taxxi mingħajr il-kunsens tal-Parlament; (2) Ebda suddittu ma jista' jinżamm il-ħabs mingħajr ma tingħata raġuni; (3) Iċ-ċittadini ma jistgħux jinġiegħlu jżommu suldati f'darhom; (4) Il-liġi marzjali ma tistax tintuża fi żminijiet ta' paċi.

### Id-Dikjarazzjoni tal-Indipendenza tal-Istati Uniti (1776)

Id-Dikjarazzjoni tal-Indipendenza approvata mill-Kungress tal-Istati Uniti fl-1776 fil-fatt kienet ġustifikazzjoni formali tal-indipendenza mill-Gran Brittanja. Id-Dikjarazzjoni enfasizzat żewġ temi: id-drittijiet individwali u d-dritt ta' rivoluzzjoni. Dawn l-ideat kienu fl-imħuħ tal-parti l-kbira tal-poplu Amerikan, u nfirxu wkoll ma' nħawi oħra tad-dinja, waqt li influwenzaw b'mod partikolari r-Rivoluzzjoni Franċiża.

**Id-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet (1791)**

Il-Kostituzzjoni tal-Istati Uniti tal-Amerika nkitbet fl-1787. L-ewwel għaxar emendi tal-Kostituzzjoni, magħrufa bħala "Bill of Rights" (Dikjarazzjoni tad-Drittijiet), daħlu fis-seħħ fil-15 ta' Diċembru 1791, u llimitaw is-setgħat tal-gvern federali tal-Istati Uniti u pproteġew id-drittijiet taċ-ċittadini, tar-residenti u tal-viżitaturi fit-territorju Amerikan. Id-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet tipproteġi l-libertà tal-kelma, il-libertà tar-reliġjon, id-dritt taż-żamma u l-ġarr tal-armi fuq il-persuna, id-dritt tal-għaqda u d-dritt għall-petizzjoni. Apparti dan, id-dikjarazzjoni tipprojbixxi t-tfittxijiet u s-sekwestri mhux raġonevoli, il-kastigi krudili u inabitwali u l-awtoinkriminazzjoni furzata. Fost il-protezzjonijiet legali li toffri, id-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet tipprojbixxi lill-gvern federali milli jċaħħad lil xi persuna mill-ħajja, il-libertà jew il-proprjetà mingħajr proċess ġust fil-qrati. F'każijiet kriminali federali id-Dikjarazzjoni tirrikjedi att ta' akkuża minn ġurija preliminari għal kwalunkwe reat kapitali jew delitt infami, tiggarantixxi proċess pubbliku rapidu 'quddiem ġurija imparzjali fid-distrett fejn ikun seħħ id-delitt, u tipprojbixxi l-inkriminazzjoni doppja għall-istess reat.

**Dikjarazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u taċ-Ċittadin (1789)**

Id-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u taċ-Ċittadin kellha l-għan li tkisser il-monarkija ereditarja tradizzjonali biex minflokha jinħolqu istituzzjonijiet ġodda, ibbażati fuq il-prinċipji tal-Illuminiżmu, moviment filosofiku tas-seklu 18. Fl-1789 il-poplu ta' Franza kiseb l-abolizzjoni tal-monarkija u witta t-triq għall-ħolqien tal-ewwel Repubblika Franċiża, waqt li ftit wara tfasslet id-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u taċ-Ċittadin. Id-Dikjarazzjoni tipproklama li d-drittijiet tal-'libertà, proprjetà, sigurtà u reżistenza għall-oppressjoni' għandhom jiġu żgurati għaċ-ċittadini kollha'. Skont id-Dikjarazzjoni, il-ħtieġa għal-liġi hija derivata mill-fatt li "...l-eżerċizzju tad-drittijiet naturali ta' kull bniedem għandu biss dawk il-limiti li jiżguraw li membri oħra tas-soċjetà jgawdu l-istess drittijiet". Għaldaqstant, id-Dikjarazzjoni tqis il-liġi bħala "espressjoni tar-rieda ġenerali", maħsuba biex tippromwovi din l-ugwaljanza ta' drittijiet u tipprojbixxi 'biss azzjoni ta' ħsara għas-soċjetà.' Id-Dikjarazzjoni tkellmet dwar il-libertà, li kienet tfisser libertà tar-reliġjon, libertà tal-istampa, u l-libertà minn iggvernar mhux raġonevoli (pereżempju t-tortura u ċ-ċensura).

**L-Ewwel Konvenzjoni ta' Ġinevra (1864)**

Fl-1864, sittax-il pajjiż Ewropew u diversi stati Amerikani attendew konferenza f'Ġinevra, fuq stedina tal-Kunsill Federali Żvizzeru, fuq l-inizjattiva tal-Kumitat ta' Ġinevra. Il-konferenza diplomatika saret bl-iskop li tiġi adottata konvenzjoni għat-trattament ta' suldati feruti fil-gwerer. Il-prinċipji ewlenin stabbiliti fil-Konvenzjoni u mħaddna mill-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra li ġew warajha pprevedew l-obbligu tal-kura mingħajr diskriminazzjoni lil persunal militari feruti u morda, u r-rispett u l-immarkar tal-mezzi tat-trasport u tat-tagħmir tal-persunal mediku bis-sinjal distintiv tas-salib aħmar fuq skond abjad.

**In-Nazzjonijiet Uniti (1945)**

Lejn it-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija, ħafna bliet fl-Ewropa u fl-Asja kienu ħerba. Apparti l-miljuni li kienu mietu, miljuni oħra kienu sfaw bla saqaf fuq rashom jew mejtin bil-ġuħ. F'April 1945, delegati minn 50 pajjiż iltaqgħu fSan Francisco mimlija ottimiżmu u tama. L-għan tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti kien li titfassal entità internazzjonali biex tipprowmovi l-paċi u tevita li jinqalgħu aktar gwerer fil-futur. L-ideali tal-organizzazzjoni kienu ddikjarati fil-preambolu għall-

karta proposta tagħha: "Aħna, il-popli tan-Nazzjonijiet Uniti, ninsabu determinati li nsalvaw il-ġenerazzjonijiet li ġejjin mill-pjaga tal-gwerra, li darbtejn tul ħajjitna kkawżat niket bla qies lill-umanità." Il-Karta tal-organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti l-ġdida daħlet fis-seħħ fl-24 ta' Ottubru 1945, data li hija ċċelebrata kull sena bħala Jum in-Nazzjoniet Uniti.

**Il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (1953)**

Il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem daħlet fis-seħħ fl-1953. Kienet l-ewwel strument li daħħal fis-seħħ ċerti drittijiet imsemmija fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u għamilhom vinkolanti. Barra minn hekk, fi Strasburgu ġie stabbilit mekkaniżmu ta' protezzjoni biex jeżamina allegazzjonijiet ta' ksur u jiżgura li l-istati partijiet iwettqu l-impenji tagħhom taħt il-Konvenzjoni. F'dan il-kuntest, fl-1959 inħolqot il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Kwalunkwe persuna li tħoss li drittijietha taħt il-Konvenzjoni jkunu ġew miksura minn stat parti tista' jressaq kawża quddiem il-Qorti. Fejn jinstab li tassew kien hemm ksur, is-sentenzi huma vinkolanti għall-istati konċernati, li huma obbligati jesegwuhom.

*Sors: Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem*
*http://www.echr.coe.int/pages/home.aspx?p=basictexts*